# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **STUDJI SOĊJALI (OPTION)** **ĦIN: 1h 45 min**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Il-kandidati jridu jwieġbu Taqsima A, Taqsima B, Taqsima Ċ u Taqsima D.**

**A Aqra din is-silta u wieġeb *ħamsa* minn *tmien* mistoqsijiet. It-tweġibiet iridu juru implikazzjonijiet soċjali diskussi fis-silta. Kull tweġiba għandha tkun madwar 50 kelma.**

Il-kelma ***globalizzazzjoni*** tfisser li llum l-ekonomija hija aktar integrata. Dan ifisser li kulħadd jiddependi minn ħaddieħor. Ma tistax tgħix għalik waħdek maqtugħ minn kulħadd. Dan illum jgħodd għall-ekonomija ta' kull pajjiż. Mhux fil-forma tagħha biss li d-dinja hija forma ta' sfera, iżda anke mill-aspett ekonomiku saret ballun wieħed. Għalhekk nużaw il-frażi "ekonomija globalizzata" li fiha l-kapitalist jeħtieġlu jimraħ 'l bogħod minn pajjiżu għax issa l-kapitaliżmu qiegħed jopera fuq skala internazzjonali.

Minħabba ***s-suq ħieles*** inħolqu ***istituzzjonijiet*** li għandhom poter aktar mill-gvernijiet tal-pajjiż. Waħda minn dawn l-istituzzjonijiet li twaqqfet kienet l-Għaqda Dinjija tan-Negozju (World Trade Organisation). Dawk in-nazzjonijiet li huma membri ta din l-għaqda jridu jimxu mar-regoli tagħha, u jxaqilbu lejn suq ħieles. L-għan ta' din l-għaqda ***inter-governattiva*** hu li tirregola s-suq globalizzat billi ġġiegħel 'l-pajjiżi membri jneħħu kull ħaġa li tista' tfixkel is-suq ħieles.

***Il-kumpaniji transnazzjonali*** mhux dejjem huma bbażati fuq pagi baxxi u kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol. L-investiment tagħhom għen fl-iżvilupp ta' ħafna pajjiżi. Veru li ħafna mill-qliegħ li jagħmlu jinvestuh barra mill-pajjiż fejn ikunu qed joperaw.

Adattat minn '*Understanding Social Studies*' p 55-56

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1 Spjega fi kliemek din is-sentenza 'minħabba s-suq ħieles inħolqu istituzzjonijiet li għandhom poter aktar mill-gvernijiet tal-pajjiż'.

2 Agħti tifsira tal-kliem skuri u miktubin bil-korsiv.

3 Semmi żewġ effetti pożittivi u żewġ effetti negattivi tal-globalizzazzjoni u fissirhom.

4 Il-kumpaniji transnazzjonali għandhom rwol importanti fl-ekonomija tad-dinja. Agħti r-raġunijiet tiegħek.

5 Għaliex ħafna istituzzjonijiet li nħolqu għandhom poter aktar mill-gvernijiet stess?

6 Kif qed taffettwa l-globalizzazzjoni lill-pajjiżi tat-Tielet dinja?

7. X'tibdil sar fil-qasam tax-xogħol minħabba l-globalizzazzjoni?

8. X'inhu x-xogħol tal-World Trade Organisation (WTO)?

**Ħames marki kull tweġiba**
**TOTAL 25 marka**

## Taqsima B

L-Istat Soċjali jew *Welfare State* huwa dik il-forma ta' stat preżenti fid-demokraziji moderni u li politikament hija ispirata minn prinċipji ta' ugwaljanza. L-Istat Soċjali jassigura kemm id-drittijiet ewlenin taċ-ċittadin kif ukoll is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet bażiċi tiegħu. L-Istat Soċjali kellu riżultati pożittivi u negattivi. L-Istat Soċjali wassal għal espansjoni fl-ekonomija; kibru il-produzzjoni u l-konsum, għolew is-salarji, il-livell ta' edukazzjoni u l-ħajja. L-Istat jipprovdi servizzi differenti; dawk kontributorji kif ukoll non-kontributorji.
Illum nafu li l-Istat Soċjali qiegħed fi kriżi minħabba n-nefqa pubblika. Illum is-soċjeta' qed tipprovdi servizz ta' għajnuna ipprovduta mill-privat biex kull membru jkun jista' jgawdi minn ħajja li tixraq lill-bniedem.

(Adattat minn 'Understanding Social Studies' p.48)

**Wieġeb *ħames* minn *tmien* mistoqsijiet f'mhux anqas minn 50 kelma kull waħda.**

1 Spjega d-differenza bejn 'welfare state' u 'welfare society'.

2 Spjega s-sentenza "l-Istat Soċjali huwa dik il-forma ta' stat preżenti fid-demokraziji moderni u li politikament hija spirata minn prinċipji ta' ugwaljanza".

3 X'differenza tgħaddi bejn servizzi kontributorji u servizzi non kontributorji? Spjega billi tagħti eżempji.

4 Semmi u fisser tliet riżultati pożittivi li għandu l-Istat Soċjali.

5 Ħafna jgħidu li l-Istat Soċjali qiegħed fi kriżi. X'effetti negattivi jista' jkollu dan fuq is-soċjeta'?

6 Semmi u fisser tliet eżempji ta' għajnuna li tipprovdi l-'welfare soċiety'.

7 Spjega kif l-Istat u s-settur privat jistgħu jaħdmu flimkien għal servizzi soċjali aħjar.

8 Semmi tliet ħtiġijiet bażiċi ta' kull ċittadin u uri kif dawn qed jiġu milħuqa mis-servizzi soċjali.

**Ħames marki kull tweġiba**
**TOTAL 25 marka**

## Taqsima Ċ
## Ħares lejn dawn il-figuri u wieġeb.

**Degrees, Diplomas, Certificates (University of Malta)**

| Year | Men | Women | Total | %Women |
|---|---|---|---|---|
| 1995 | 648 | 642 | 1,290 | 49.76 |
| 1996 | 695 | 663 | 1,358 | 48.82 |
| 1997 | 865 | 855 | 1,720 | 49.70 |
| 1998 | 779 | 912 | 1,690 | 53.03 |
| 1999 | 958 | 1,022 | 1,980 | 51.62 |
| 2000 | 827 | 890 | 1,717 | 51.83 |
| 2001 | 957 | 1,048 | 2,005 | 52.27 |
| 2002 | 946 | 1,102 | 2,048 | 53.81 |

Sors: Universita' ta' Malta. **(Women in Society, Annual Report 2002)**

**B'riferenza għat-Tabella:-**

a. Identifika x-xejriet li joħorġu minn dawn il-figuri.

b. Iddiskuti l-fatturi li qegħdin iwasslu għal dawn ix-xejriet.

**Għaxar marki kull tweġiba**
**TOTAL 20 marka**

## Taqsima D
## Agħżel wieħed u ikteb madwar 350 kelma.

1. Is-soċjeta' Maltija saret aktar konxja mill-kelma 'inklużjoni'.
   X'qed isir biex dawk li huma l-aktar dgħajfa fis-soċjeta' ikunu tassew jagħmlu parti mis-soċjeta'? (Tista' tagħżel li tikteb dwar wieħed minn dawn: l-anzjani, nies bi bżonnijiet speċjali, nies bi problemi speċjali jew l-omosesswali). X'jista' jsir biex tittejjeb is-sitwazzjoni tagħhom?

2. It-tqassim inġust tal-ġid fid-dinja ġab miegħu ħafna problemi.
   a. Ikteb dwar problemi li jiltaqgħu magħhom pajjiżi tat-Tielet Dinja.
   b. Semmi **żewġ** għaqdiet li jaħdmu favur dawn il-pajjiżi u ikteb dwar ix-xogħol li jwettqu.
   ċ. X'jista' jsir minn pajjiżi żviluppati biex jittaffew dawn il-problemi?

3. Liema fatturi qed jaffettwaw il-bidla fil-popolazzjoni Maltija?

**TOTAL 30 marka**